



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10764/18

LIMITE

CORLX 363
CFSP/PESC 654
RELEX 610
FIN 532
COEST 142

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014
dwar miżuri restrittivi
fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu
jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià
u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Bħala parti mill-politika tal-Unjoni ta' nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol, il-Kunsill iqis il-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch bħala azzjoni ulterjuri li ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (3) Il-kostruzzjoni ta' dan il-pont u l-ftuħ uffiċjali tiegħu, fil-15 ta' Mejju 2018, huma passi simboliċi ewlenin fil-konsolidazzjoni tal-kontroll tal-Federazzjoni Russa fuq il-Krimea u Sevastopol illegalment annessi u fl-iżolament ulterjuri tal-peniżola mill-Ukrajna.
- (4) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jenħtiegħ li jiżiedu entitajiet addizzjonali mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għalhekk jenħtiegħ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu fil-lista ta' entitajiet li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1:

"

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-Elenkar
42.	АО "Institute Giprostroykost – Saint-Petersburg" АО Институт Гипростроймост – Санкт-Петербург	Indirizz: 7 Yablochkova street, St. Petersburg, 1 97198 Russia, Sit web: http://gpsm.ru Indirizz elettroniku: office@gpsm.ru	АО "Institute Giprostroykost – Saint-Petersburg" ipparteċipat fil-konstruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tad-diżinn tiegħu tal-Pont, li jgħaqqad lir-Russja mal- peniżola tal-Krimea illegalment annessa. Għaldaqstant qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal- Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li b'hekk tkompli tipperikola l-integrità territorjali, is- sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-Elenkar
43.	PJSC Mostotrest ПАО Мостотрест	Indirizz: 6 Barklaya street, Bld. 5 Moscow, 121087, Russia	PJSC Mostotrest ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tal-kuntratt statali tagħha għall-manutenzjoni tal-pont, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li diġà huwa ddeżinjat għall-azzjonijiet tiegħu li jdgħajfu s-sovranià tal-Ukrajna (persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għaldaqstant il-kumpanija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	+
44.	JSC Zaliv Shipyard Судостроительный завод "Залив"	Indirizz: 4 Tankistov street, 298310 Kerch, Crimea Sit web: http://zalivkerch.com	JSC Zaliv Shipyard ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-linja tal-ferrovija ġdida lejn il-Pont ta' Kerch, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa. Għaldaqstant qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-Elenkar
45.	Stroygazmontazh Corporation (SGM Group) ООО Стройгазмонтаж (групп СГМ)	Indirizz: Prospect Vernadskogo 53, Moscow, 119415 Russia Sit web: www.ooosgm.com	Stroygazmontazh Corporation (SGM Group) ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tal-kuntratt statali tagħha għall-kostruzzjoni tal-pont li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li diġà huwa ddeżinjat għall-azzjonijiet tiegħu li jdgħajfu s-sovranià tal-Ukrajna (persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għaldaqstant il-kumpannija qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li b'hekk tkompli ddgħajfef l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-Elenkar
46.	Stroygazmontazh Most OOO ООО Стройгазмонтаж- Мост	Indirizz: Barklaya street 6, building 7, Moscow 121087 Russia Nru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1157746088170 Nru tal-Identità tat-Taxxa: 7730018980 Sit web: http://kerch-most.ru/tag/sgam-most Indirizz elettroniku: kerch-most@yandex.ru	Stroygazmontazh Most OOO hija sussidjarja tal-kuntrattur prinċipali Stroygazmontazh li jimmaniġġja l-proġett ta' kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li diġà huwa ddeżinjat għall-azzjonijiet tiegħu li jdgħajfu s-sovranià tal-Ukrajna (persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għaldaqstant il-kumpannija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-Elenkar
47.	CJSC VAD AKTSIONERNOE OBSHCHESTVO VAD AO «БАД»	Indirizz: 133, Chernyshevskogo street , Vologda, Vologodskaya Oblast 160019, Russia 122 Grazhdanskiy Prospect, suite 5, Liter A, St. Petersburg 195267, Russia Nru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1037804006811 (Russia) Nru tal-Identità tat-Taxxa: 7802059185 Sit web: www.zaovad.com Indirizz elettroniku: office@zaovad.com	CJSC VAD huwa l-kuntrattur ewlieni għall-kostruzzjoni tal-Awtostrada Tavrida fil-Krimea, it-triq fuq l-Istrett ta' Kerch u t-toroq ta' aċċess għalih. L-Awtostrada Tavrida ser ttipprovdi aċċess tat-trasportazzjoni għall-Krimea permezz ta' sistema ta' toroq li għadhom kif inbnew li jservu bħala konnessjoni primarja mal-Pont ta' Kerch. Għaldaqstant CJSC VAD qed jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

"

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.